MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 145/2008

Kawza fil-lista: 22

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Illi l-partijiet izzewgu fil-knisja ta' Sant' Agatha, Rabat u dan sar fis-7 ta' Mejju 2006 u minn dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal;

Illi l-partijiet sseparaw minn xulxin fit-22 ta' Frar 2007;

Illi z-zwieg bejn il-partijiet huwa null billi l-kunsens kien ivvizzjat b' difett ta' deskrizzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u/jew fuq id-drittijiet essenzjali taghha b' simulazzjoni u anke minhabba biza reverenzjali kif ukoll il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet kien inkiseb b' qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament l-hajja mizzewga;

Tghid ghalhekk l-intimata ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi z-zwieg celebrat fis-7 ta' Mejju 2006 bejn il-partijiet huwa null u bla effett skond il-Ligi u dan skond wiehed u jew s-sub-artikli indikati tal-Artiklu 19(1)(a), (c), (d), (f) tal-Att dwar iz-Zwieg (Kap. 255) tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta rrispondiet:

1. Illi z-zwieg celebrat bejn l-attur u r-rispondenti fis-7 ta' Mejju 2006, huwa verament null u bla ebda effett izda dan ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-attur minhabba nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju da parti tieghu fuq id-dmirijiet, ir-responsabbiltajiet u l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga, u dan kif se jigi ampjament spjegat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u mhux ghal ragunijiet imputabbli lir-rispondenti.

2. Illi ghalhekk l-ispejjez gudizzjarji ghandhom jigu akkollati unikament lill-attur.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat

mal-konvenuta fis- ta' 7 ta' Mejju 2006 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali taghhom kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [a][c][d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minn naha taghha l-konvenuta tattribwixxi n-nullita' taz-zwieg ghar-ragunijiet imputabbli lill-attur kontemplati fit-termini tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat.

**Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li l-partijiet izzewwgu fis-7 ta' Mejju 2006 wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin tmien snin. Wara konvivenza matrimonjali ta' seba' xhur il-partijiet isseparaw de facto, u fit-22 ta' Frar 2007 iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu, u taghti affidament lill-konvenuta u mhux lill-attur.

Il-Qorti taccetta bhala veritiera l-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-konvenuta. Mill-provi jirrizulta manifest li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-attur kellu <u>karenza serja ta' maturita' affettiva</u> li kienet ta' ostakolu serju ghal hajja konjugali taghhom bhala unjoni diretta lejn il-benessere reicproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija tat-tfal. L-egojzmu qawwi tieghu kien ta' ostakolu serju sabiex fiz-zwieg hu ikun kapaci jibni ma' martu "a community of love and life". Huwa kien iqis lil martu bhala oggett li seta' jinqeda bih ghal kumdita' tieghu; u kif qalet l-istess konvenuta fl-affidavit taghha "l-attur … ma kienx kapaci jhobbni."

*In vena legali, jigi osservat li jinsab ritenut fil-gurisprudenza li l-kuncett ta' maturita' affettiva jimporta "generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi una mancanza di consenso libero [immaturita'*

*affettiva] e ponderato [immaturita' di gudizio]" [Il Diritto Canonico Matrimoniale – Bersini].*

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, liema caput nullitatis jezisti biss fil-konfront ta' l-attur.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett iz-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-7 ta' Mejju 2006, ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-attur. L-ispejjez kollha jkunu kollha a kariku ta' l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------